MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 204/1998/1

**Albert u Vivian Mifsud.**

**-vs-**

**Rita Cardona.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-29 ta’ Jannar, 1998 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi permezz ta’ skrittura datata 23 ta’ Jannar, 1997 il-kontendenti ftehmu li jezercitaw negozju flimkien minn gewwa l-fond “Mischief”, numru sitta (6), Triq San Dwardu, Qormi;

Illi l-atturi ghamlu diversi benefikati fil-fond fuq imsemmi

ghas-spejjez taghhom u nkorrew f'diversi spejjez ohra kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi skond dan il-ftehim dawn l-ispejjez kellhom jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet u kellhom jithallsu lura mill-profitti li jirregistra n-negozju, liema hlas l-atturi qatt ma rcevew minghand il-konvenuta;

Illi skond dan il-ftehim il-frofitt kellu jinqasam bejn il-partijiet f'sehem ugwali bejniethom, u minn meta twaqqaf dan in-negozju l-atturi qatt ma rcevew ebda hlas f'dan is-sens minghand il-konvneuta;

Illi dan in-negozju beda jopera izda ftit xhur wara l-konvenuta qabdet u b'mod arbitrarju u minghajr il-kunsens ta' l-atturi ghalqet in-negozju u ddisponiet mill-istokk kollu ezistenti;

Illi sussegwentement il-konvenuta bdiet tezercita mill-fond fuq imsemmi negozju iehor;

Illi l-atturi kienu wkoll taw lill-konvenuta b'titolu ta' self brevi manu s-somma ta' elfejn tlett mija u tmenin lira Maltija (Lm2,380) liema somma ghadha sal-lum ma thallsitx lura minnha;

Illi l-konvenuta debitament interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti mill-atturi u sabiex thallas lura s-somma minnha mislufa baqghet inadempjenti;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba inadempjenza kuntrattwali meta:

a) Unilateralment u b’mod arbitrarju ghalqet in-negozju fuq imsemmi u bdiet tezercita negozju iehor li ma

jifformawx parti minnu l-atturi u ddisponiet mill-istokk kollu;

b) Naqset milli thallas lill-atturi sehemhom mill-profitti registrati fl-ezercizzju tan-negozju fuqu imsemmi;

2. Tillikwida d-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas is-somma hekk likwidata.

4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ elfejn tlett mija u tmenin lira Maltija (Lm2,380) liema somma giet lilha mislufa mill-atturi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Settembru, 1997 u l-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fis-16 ta’ Novembru, 1998 li permezz taghha eccepiet;

1. In linea preliminari l-procedura proposta mill-atturi hi ritwalment nulla in kwantu fil-kaz ta’ shubija wara x-xoljiment it-talba kellha tkun ghar-rendiment tal-kontijiet u mhux ghall-likwidazzjoni tad-danni jew tal-profitti.

2. Bla pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici kollha huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ebda wahda minnhom ma hija fattwalement sostenibbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Novembru, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi ikkundannata thallashom danni kagonati minnha ghal ksur tal-kuntratt ta’ shubija li sar bejniethom u li kopja tieghu hija esebita u rifuzjoni ta’ flus mislufa. Il-konvenuta qed tikkontesta t-talbiet fuq punt ta’ dritt fir-rigward ta’ l-ewwel talba u fuq kwistjoni ta’ fatt fuq it-tieni.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-attur ftiehem mal-konveuta illi jmexxu flimkien in-negozju li hija kienet tiggestixxi fil-hanut mikri lilha. Skond il-ftehim il-benefikati li ghamel l-attur fil-hanut kellhom jithallsu lura mill-profitti. Il-profitti kellhom jinqasmu wara li jkunu thallsu l-ispejjes kollha.

Fl-affidavit tieghu l-attur spjega li huwa nefaq tlett elef, tlett mija u wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm3,341) biex irranga l-post u hallas erba’ mija, tlieta u hamsin Lira Maltin (Lm453) f’kirjiet. A fol 28 nizzel lista ta’ spejjes ohra konnessi ma’ vjaggarr ghan-negozju u f’fol 29 ghal xiri ta’ stokk. Skond hu l-hanut infetah fit-2 ta’ Gunju, 1997 u xahrejn wara l-konvenuta ghalqitu ghaliex qaltlu li ma kinitx qed taghmel flus. Inghata biss lura merkanzija mhux mibjugha. Esebixxa ukoll a fol 50 lista ta’ somma flus li silifha ammontanti ghal tlett elef, hames mija u tmenin Lira Maltin (Lm3,580). Gew esebiti wkoll affidavits ta’ l-attrici u bint l-atturi Rachelle Mifsud.

Il-konvenuta ppresentat affidavit taghha fol 82. Ammettiet li n-negozju sfaxxa mill-ewwel u l-istokk inbigh mill-attur u stokk iehor inbiegh biex jigu mifdija l-ispejjes. Ma baqghalha xejn min-negozju li kellha ma’ l-attur u ma ghamlitx qligh. Qed tikkontesta l-fatt li l-attur qed

jippretendi cirka tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000) u cioe' l-ammont indikat f'mandat mahrug minnu fil-konfront taghha. Wara fethet generu iehor ta'

negozju. Affidavit iehor presentat waqt proceduri ohra konnessi ma' din il-kawza jispjega ahjar ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta (fol 94).

L-ewwel talba attrici hija ghal dikjarazzjoni li l-konvenuta naqset mill-obbligi kontrattwali taghha meta qabdet u ghalqet in-negozju. Dan ma jidhirx li hemm dubbju fuqu u l-konvenuta hija tenuta responsabbli ghal dan. Il-ftehim kellu jigi osservat *in bona fede* u l-Qorti ghandha dubbji serji dwar kemm kellha intenzjoni tajba l-konvenuta. Madankollu ghandha ragun il-konvenuta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha meta qalet li l-attur kien messu ghamel talba ghar-rendikont ghaliex il-Qorti ma tistax tiddeciedi dwar l-ammont dovut lill-attur min-negozju jekk ma jsirx tali rendikont. L-attur ma jistax jitlob li jithallas ghall-istokk kollu jekk il-Qorti ma jkollhiex quddiemha l-ispejjes konnessi mal-gestjoni tal-hanut anke jekk jidher li dawn kollha thallsu mill-attur. Jista' jkun pero' illi ma sarx qligh u jekk dan kien il-kaz, l-attur ma jistax jitlob lura dak li hareg ghaliex kull inizjattiva kummercjali ghandha r-riskju taghha. Fuq kollox kien jaf *ben* tajjeb meta sar il-ftehim li l-konvenuta ma kienet ser tohrog xejn hlief il-kirja tal-fond minn fejn gie gestit in-negozju u kellha ukoll tinghata paga.

Ghandhom pero' ragun l-atturi jitolbu li jigu rifuzi l-ispejjes biex gie rrangat il-hanut ghaliex ma hemmx dubbju li l-konvenuta wahedha gawdiet minn dan tant li mbaghad biddlet il-generu tan-negozju u bdiet topera mill-istess fond. Ghalhekk ghandu jithallas lura s-somma ta' tlett elf, tlett mija u wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm3,341) izda mhux il-hlasijiet l-ohra. Fir-rigward tal-flus mislufa dawn jidhru li huma hlasijiet diversi ta' ammonti minn hames Liri Maltin (Lm5) sa mitejn u hames Liri Maltin (Lm205) illi skond l-attur il-konvenuta kienet weghditu li ser

taghtihomlu lura. Fil-fehma tal-Qorti huma iktar rigali li kien taha meta r-relazzjoni bejniethom kienet tajba. Jinkludu wkoll elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) garanzija bankarja li pero' hargitha s-socjeta' ta' l-attur u mhux hu

personali u fuq kollox skond l-affidavit tieghu l-konvenuta hallset lura minnha s-somma ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600). Hemm ghalhekk certi nkonsistenzi da parti ta' l-attur li pero' l-Qorti mhux ser tikkumenta iktar fuqhom ghaliex mill-provi jirrizulta li huwa kien kuntent johrog il-flus sakemm l-affarijiet kienu mod izda riedhom lura meta mbaghad irrizulta mod iehor.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' l-ewwel tlett talbiet attrici fuq il-bazi li l-konvenuta ghalqet in-negozju arbitrarjament u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett elf, tlett mija u wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm3,341) lill-atturi; tichad ir-raba' talba.**

**L-ispejjes jithallsu kwantu ghal kwart mill-atturi u tlett kwarti mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------